MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 213/2012

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-konjugi B zzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru 1989 fir-Registru Pubbliku;

2. Illi mill-istess unjoni twieldu zewgt itfal, Kyle u Dylan, ahwa B li illum il-gurnata saru magguri;

3. Illi l-konjugi B kienu jghixu fid-dar matrimonjali taghhom fil-fond, Blk 15 Fl 01, Bigonia Street Santa Lucia;

4. Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u fis-sitta u ghoxrin (26) ta' April 2007, il-partijiet isspearaw de facto u ilhom ma jghixu flimkien sa minn dak iz-zmien;

5. Illi l-partijiet ghadhom sa llum il-gurnata ma rrikonciljawx bejnithom u ma hemm l-ebda tama jew prospett ta' rikonciljazzjoni fil-futur;

6. Illi l-partijiet ghandhom dhul adegwat ghalihom, u in oltre' m'hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejn il-partijiet;
7. Illi ai finijiet ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili jirrizulta;

a) Illi l-konjugi B ilhom isseparati de facto ghal aktar min erba' snin; u
b) Illi A B tirrinunzja ghad-dritt ta' manteniment; u
c) Illi l-istess A B tirrinunzja ghad-dritt tad-dar matrimonjali; u
d) Illi ukoll A B tirrinunzja minn dak kollu li kellha jew kellha dritt ghaliha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet, wara li tkun qieset li dak kollu mitlub huwa soddisfacenti ai finijiet u effetti tal-ligi.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Lulju 2012 li permezz tieghu innominat medjatur tal-familja stante li l-attrici ma kinitx ghamlet talba simili qabel ma pprocediet bil-kawza.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta’ Ottubru 2012 li permezz tieghu ghalqet il-medjazzjoni stante li l-partijiet la rrikonciljaw u lanqas waslu ghall-ftehim dwar it-temini tad-divorzju.

Rat li fis-seduta tal-14 ta’ Novembru 2012 il-konvenut iddikajra li huwa ma kellux opposizzjoni ghat-talbiet attrici ghad-divorzju.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2012 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Novembru 1989, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal illum maggorenni;

L-attrici xehdet illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien madwar hames snin u nofs. L-attrici iddikjarat li z-zewgt itfal maggorenni jghixu maghha u li hi tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghhom u ma kienet qed tippretendi xejn minghand il-konvenut la ghaliha u lanqas ghat-tfal.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu ikkonferma li l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien ghal madwar hames snin u nofs. Dwar it-tfal tal-partijiet li llum huma t-tnejn maggoreni izda taht it-tlieta u ghoxrin sena u jistudjaw full-time, huwa spjega li meta bdiet is-separazzjoni de facto tal-partijiet, iz-zewgt itfal kienu baqghu jirrisjedu mieghu ghal madwar tlett snin u hu kien jiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha taghhom minghajr ma talab xejn lill-attrici.

Il-partijiet jaqblu li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------